MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 85

**8 ta' Ottubru 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Mark George Abdilla - Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Herbert Conti – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sur John Borg, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

**85.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

85.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

85.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva żewġ ittri ta' apoloġiji minn żewġ kunsilliera li kienu msiefrin, is-Sinjura Marie Claire Zammit u s-Sur Herbert Conti. L-apoloġiji ġew aċċettati b'mod unanimu.

**85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

85.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 84 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

85.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti tal-laqgħa numru 84 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

85.2.3 Bħala *matters arising* is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara diskussjoni mal-*wasteserv* u l-*greenpak*, l-iskeda tal-ġbir ta' skart se tinbidel mill-aħħar ta' Ottubru 2018 u l-*wasteserv* se jħallsulna tliet ġabriet tal-borża organika. Il-borża organika se tibda tinġabar it-tnejn, l-erbgħa u l-ġimgħa. Il-borża l-ħadra tar-riċiklaġġ it-tlieta u l-ġimgħa. Waqt li l-borża s-sewda t-tnejn, ħamis u sibt. Dan b'konformita' mal-politika nazzjonali. Wara diskussjoni, kien hemm qbil fil-Kunsill dwar din l-iskeda.

**85.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

85.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li rċevejna żewġ notifiċi mill-*Planning Authority*, waħda biex tidjieq it-triq fi Triq Karm Pirotta, u l-oħra dwar żvilupp fi Triq Gużeppi Licari. Dawn diġa' kien hemm rappreżentazzjonijet mill-pubbliku kontrihom u l-Kunsill se jagħti appoġġ lill-pubbliku. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttiġieġ jirrapreżenta lill-Kunsill u jivvota kontra dawn l-iżviluppi.

85.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-Ħadd 28 ta' Ottubru se jkun inawgurat il-monument għall-vittmi tan-nar. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qali li importanti li ma ninsew lill-ebda vittma.

85.3.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi għandna problema fuq l-*innovation centre* minħabba li l-PA ma għaddietx il-permess minħabba li s-CRPD oġġezzjonat għal nuqqas ta' lift. Is-Segretarju Eżekuttiv se javża lir-reġjun u jara jistax jibdel l-applikazzjoni għal fuq il-bini kommunitarju fl-istazzjon faċċata ta' fejn ġej il-mużew tal-ferrovija, fejn qabel kien hemm il-latrini.

**85.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

85.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-ktieb "Born in Birkirkara" għandu ineżattezzi storiċi fih u semma lis-Sur Richard Muscat u li anke hemm xi dati ħżiena fil-konfront tiegħu. Rigward is-Sur Muscat qal li ma ssemiex għalfejn kien barra l-pajjiż. Fil-konfront tiegħu qal illi d-data tat-twelid hija ħażina u hu hekk kif daħal fil-Kunsill fl-2006 hu sar Sindku mall-ewwel. Is-Sindku s-Sinjura

Joanne Debono Grech qalet illi l-ktieb pruvajna ma nidħlux f'polemiċi politiċi għalhekk żammejna fil-qosor kemm jista' jkun. Madankollu jekk hemm xi dati ħżiena dawn niktbu lill-awtur l-Professur Briffa dwarhom.

85.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard saqsa meta se jkun lest Ġnien Stazzjon. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skont il-kuntrattur fadallu madwar xahar xogħol.

85.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard semma l-bżonn ta' *traffic management* fi Triq Bontadini minħabba li l-karozzi qed jgħaddu sparati. Bontadini ma' triq il-Knisja l-Qadima. Is-Segretarju Eżekuttiv se jerġa' jikteb lil TM.

85.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard semma li hemm "xibka" (kannizzata) safra ma' l-art fi Triq Fleur De Lys ma' Triq l-Indjana, biex isir *refreshing* tagħha. Billi Triq Fleur de Lys hija arterja, dan hu xogħol li għandu jsir minn TM.

85.4.5 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi semma t-*traffic management* fi Triq Santu Rokku. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ġa kienet tkellmet u spjegat lis-Sur Mizzi li se jsiru sinjali, pero' ma jitneħħewx *parkings*. L-istess kunsillier semma' bankina ġdida fi Triq Santu Rokku u li fiha hemm bżonn rampa. Is-Sindku qalet li dik il-bankina kellha tagħmilha ta' bilfors għax min qed joqgħod hemm qed jgħid li qed jolqtulu l-gallerija u kiteb bil-perit.

85.4.6 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi semma li l-Knisja kellha l-abbozz tal-istatwa tal-eks President Anthony Mamo u ma setgħux iżommuh iktar għax kbir wisq. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-qraba ta' Anthony Mamo xtaqu illi l-abbozz jittieħed il-mużew nazzjonali ta' l-arkivji. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal din il-proposta u se jsiru l-arranġamenti neċessarji.

85.4.7 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal illi ħanut fi Triq is-Santwarju qed iħalli l-ilma ta' l-arja kundizzjonata jqattar fuq il-bankina u l-bankina se tiġi tiżloq. Is-Segretarju Eżekuttiv se jkellem lil sid dan il-ħanut.

85.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi fuq ir-radju reġa' issemma l-istazzjon u l-ġnien taħt Sant'Antnin għax hemm nies jorqdu hemm.

**85.5 *Bye Law* Tlajjar**

85.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kif titlob il-liġi l-proposta ta' *bye law* dwar tlajjar, ġie ippublikat avviż dwarha fil-gazzetta tal-gvern u l-gazzetti ta' kuljum u ħallejniha esposta għall-*feedback* il-kunsill. Madankollu ma kienx hawn preżenza tal-pubbliku għal din il-laqgħa. Għaldaqstant il-Kunsill se jipproċedi billi jibgħat il-*bye law* proposta lid-dipartiment. Kien hawn qbil unanimu.

**85.6 Skema Għoti ta' Tarmak**

85.6.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono qalet illi għalkemm konna applikajna biex nagħmlu parti minn Anġlu Mallia, din ma setgħatx issir minħabba ta' l-ilma. Għaldaqstant reġgħet issuġerit triq il-Fuħħarin li wkoll sibna problemi mill-WSC. Għaldaqstant hija kien qed tissuġerixxi li jsir *extensive patching* fi sqaq numru 3 fi triq il-Wied (kważi quddiem il-Maltapost). Ma kienx hemm oġġezzjoni u s-Segretarju se jikteb lid-dipartiment.

Fis-6.50pm daħal fil-kamra l-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla.

**85.7 Rapporti Bord ta' Evalwazzjoni**

85.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ rapporti ta' evalwazzjoni għal tenders BLC6 (*marketing*) u BLC7 (*cover* għall-vagun tal-ferrovija) ta' l-erdf. Fiż-żewġ każijiet, kien hemm żewġ *bidders*, u l-bord jirrakomanda l-irħas offerti. Fuq BLC 6 l-irħas kien Outlook bil-prezz ta' 14,400 euro waqt li fuq BLC 7 l-irħas kien Renald Bezzina bil-prezz ta' 25,000euro. Il-Kunsill approva r-rapporti b'mod unanimu.

**85.8 Akkumulazzjoni ta' *leave* ta' l-impjegati**

85.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-dipartiment talbuna lista' ta' impjegati (imqassma separatement minħabba d-*data protection*) li se jagħmlu *carry forward* tal-leave (100 siegħa), inkluż tiegħu, mis-sena 2018 għall-2019, u kien se jressaq it-talbiet lid-dipartiment. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li hi ma kelliex oġġezzjoni u l-kunsilliera qablu b'mod unanimu. Apparti minn hekk huwa qal ukoll li kellu rikjesti għal xi *carry forward* ta' leave addizzjonali 'il fuq minn 100 siegħa f'każijiet speċjali ta' min se jkollu juża' aktar leave is-sena d-diehla għal raġunijiet validi. Is-Sindku qalet lis-Segretarju biex f'dawn il-każijiet jiddeċiedu hu, il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**85.9 *A cry for Peace around the world***

85.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellu talba biex il-lokalita' tagħna tidħol tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-75 sena minn V DAY fl-2020. Għal din ir-raġuni se tittella' attivita "A Cry for Peace around the world" u l-kunsill jixtri qanpiena apposta mill-Ingilterra għall-prezz ta' madwar 190 sterlina. Ma kienx hemm oġġezzjonijet.

**85.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti 64, u *Petty Cash***

85.10.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

85.10.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 64 kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech sekondata mill-Kunsilliera s-Sur Anthony Buttigieg u s-Sur John Mizzi.

**85.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

85.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 5 ta' Novembru fis-7pm.

*Bi qbil bejn il-membri kollha tal-Kunsill, din id-data tmexxiet għal nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru fis-7pm.

Konfermati, illum 30 ta' Ottubru 2018.

IFFIRMATI

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv